# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Rikors Numru 925/2017 TA**

**Anna Vassallo ġia Spiteri (ID: 449959M)**

**vs**

**Mario Spiteri ( ID: 469658M)**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Reġgħet rat ir-rikors tal-Attriċi tal-10 ta' Mejju 2022.

Rat l-atti kollha tal-Kawża.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Għal darba oħra ir-rikorrenti ssostni li din il-Qorti ma inkarigat ebda espert tad-DNA. F'dan ir-rigward il-Qorti terġa' tirreferiha għal verbal tat-2 ta' Frar 2021.

Il-Qorti qed tagħmel ampja referenza għad-digriet tat-3 ta' Mejju 2022. L-esponenti tinvoka s-sens ta' ġustizzja u minn eżami tal-atti għandu jirrisulta *in abbundantia* li l-Qorti marret oltre dak li messha għamlet biex tagħmel ġustizzja

u dan minkejja li kif ġie spjegat fid-digriet fuq imsemmi dejjem kienet l-esponenti li kull darba ħolqot ostakoli, ġieli anke billi marret kontra dak li talbet hi stess.

Mill-atti jirriżulta li l-kawża hija matura tant li l-Attriċi ilha li għalqet il-provi tagħha. Il-Qorti trid tqies mhux biss l-interess tal-Attriċi iżda tal-partijiet kollha għal Kawża u stante iċ-ċirkostanzi tal-każ ma hux fl-interess tal-ġustizzja li din il-Kawża tkompli tittawwal.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija l-Qorti qed tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

Illum 27, ta' Ġunju, 2022

**Imħallef Toni Abela**